Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,743, 30 ta' Novembru, 2021
Taqsima B

A.L. 467 tal-2021

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-MINURI (ĦARSIEN ALTERNATTIV) (KAP. 602)

Regolamenti tal-2021 dwar Id-Dar tat-Tfal

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 15(3) u 83 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), il-Ministru responsabbli għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

TAQSIM TAR-REGOLAMENTI

Preliminari	1-4
Fuq l-Amministratur (Dar tat-Tfal)	5-8
Fuq l-Uffiċjali l-Oħra tad-Dar tat-Tfal	9
Fuq l-Intervista Investigattiva	10-24
Fuq l-Interpreti u l-Professjonisti li Jassistu	25
Fuq Kif id-Data Għandha Tiġi Maħżuna	26-29
Fuq l-Eżaminazzjoni Medika	30-33
Fuq Sapport Terapewtiku lill-Minuri Riferut	34-38
Fuq ir-Reati	39-42
Mixxelanji	43-44

PRELIMINARI

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar id-Dar tat-Tfal.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.

Tifsir. Kap. 602.

2. It-tifsir stabbilit fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", għandhom japplikaw għal dawn ir-regolamenti.

Għan tad-Dar tat-Tfal.

3. (1) Għandu jkun hemm minn tal-inqas post wieħed preskritt mill-Ministru li għandu jservi bħala Dar tat-Tfal f'Malta bil-għan li jipprovdi ambjent addattat għat-tfal, sigur u kalm għal dawk it-tfal li huma vittmi u, jew xhieda ta' ħsara sinifikanti kif definit fl-artikolu 9(4) tal-Att, biex jagħtu x-xhieda tagħhom u sussegwentement jirċievu s-sapport neċessarju skont l-aħjar interessi tagħhom.

(2) Il-post imsemmi fis-subregolament ta' qabel għandu jkun

"Id-Dar tat-Tfal" li tinsab ġewwa Santa Venera.

Tfal vittmi u, jew xhieda.

4. Tfal vittmi u, jew xhieda taħt it-tmintax (18)-il sena għandhom ikunu preżunti li għandhom fehim suffiċjenti sabiex ikunu intervistati b'mod forensiku u sussegwentement jirċievu servizzi ta' sapport għalihom, anke jekk dawn iridu jiġu mfassla għall-età u, jew għall-bżonnijiet tal-minuri sakemm il-kuntrarju ta' dan ma jiġix stabbilit mill-professjonisti li jkunu qegħdin jaħdmu mal-minuri jew sakemm il-minuri mhux żgħir wisq sabiex ikun jista' jikkomunika jew sakemm ma jkunx ċar li dan ikun kontra l-aħjar interess jew il-benesseri tat-tifel.

FUQ L-AMMINISTRATUR (DAR TAT-TFAL)

Amministratur (Dar tat-Tfal).

5. Id-Dar tat-Tfal għandha tkun amministrata minn Amministratur (Dar tat-Tfal) li huwa uffiċjal tad-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal u għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu skont l-artikolu 4 tal-Att:

Iżda l-Amministratur (Dar tat-Tfal) u l-uffiċjali tiegħu għandhom f'kull ħin fil-qadi tal-funzjoniiet tagħhom, jaġixxu b'mod imparzjali.

Funzjonijiet jistgħu jiġu eżerċitati mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal.

6. Meta ċ-ċirkostanzi ta' każ speċifiku hekk ikunu jirrikjedu, il-funzjonijiet kollha mogħtija lill-Amministratur (Dar tat-Tfal) jistgħu jiġu eżerċitati mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal.

Funzjonijiet tal-Amministratur (Dar tat-Tfal).

7. Mingħajr preġudizzju għall-funzjonijiet li jistgħu jingħataw lill-Amministratur (Dar tat-Tfal) bl-Att jew regolamenti sussegwenti, l-Amministratur (Dar tat-Tfal) għandu:

(a) isejjaħ laqgħa qabel intervista investigattiva sabiex jiġu stabbiliti l-għanijiet u r-raġunijiet tal-intervista u l-bżonnijiet tal-minuri;

(b) jaħtar intervistatur forensiku sabiex iwettaq intervista investigattiva mal-minuri riferut;

(ċ) jikkoordina mal-ispeċjalist pedjatriku sabiex il-minuri jkun jista' jagħmel eżami mediku jekk dan jitqies neċessarju minħabba n-natura tas-suspetti jew tal-għarfien tal-ħsara sinifikanti mġarrba mill-minuri;

(d) isejjaħ lill-partijiet interessati għall-intervista investigattiva;

(e) isegwi l-intervista investigattiva mal-minuri riferut;

(f) jiġbor, iżomm, jaħżen u jiddisponi minn data miġbura minn kull intervista skont id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet oħra applikabbli u skont dawn ir-regolamenti;

(g) jipprepara d-data u jibgħatha lill-qorti kompetenti sabiex tintuża fi proċeduri li jkunu għaddejjin;

(h) jikkoordina mal-psikologu li jaħdem ġewwa d-Dar tat-Tfal sabiex iwettaq assessjar fuq il-minuri intervistat sabiex jiġu stabbiliti l-bżonnijiet tal-minuri għas-sapport terapewtiku;

(i) jalloka servizzi ta' sapport lill-minuri intervistati u lill-familja tagħhom jew jirreferi għand servizzi esterni skont ir-riżultanzi tal-assessjar;

(j) jipparteċipa fil-laqgħat interdixxiplinari miżmuma mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal skont l-artikolu 6 tal-Att;

(k) jipprovdi taħriġ inizjali u kontinwu lill-uffiċjali tiegħu u lill-fornituri ta' servizz.

Rappreżentanza ġuridika u legali.

8. Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tad-Dar tat-Tfal għandha tkun vestita fl-Amministratur (Dar tat-Tfal).

FUQ L-UFFIĊJALI OĦRA TAD-DAR TAT-TFAL

Uffiċjali oħra tad-Dar tat-Tfal.

9. Fil-qadi ta' dmirijietu u l-funzjonijiet tiegħu, l-Amministratur (Dar tat-Tfal) għandu jkun assistit minn uffiċjali oħra tad-Dar tat-Tfal, kif ġej:

(a) intervistaturi forensiċi li għandhom ikunu professjonisti bil-*warrant* li jkunu rċevew taħriġ speċifiku fuq kif jintervistaw tfal b'mod forensiku, li l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom għandhom ikunu li jwettqu l-intervista investigattiva mal-minuri riferut;

(b) psikologu li għandu l-*warrant* u li huwa rreġistrat skont l-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija bi preferenza tingħata lill-persuni li għandhom minn tal-inqas ħames (5) snin esperjenza f'ħidma mat-tfal li l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom għandhom ikunu li jwettqu assessjar fuq minuri riferuti sabiex jistabilixxu l-bżonnijiet terapewtiċi tal-minuri u sabiex jagħmlu rakkomandazzjonijiet fuq l-aħjar servizzi terapewtiċi li għandhom jingħataw lill-minuri:

Kap. 471.

Iżda dan il-psikologu jista' wkoll jamministra tim żgħir ta' psikologi, meta l-ħtiġijiet hekk jitolbu, u l-membri l-oħra tat-tim għandhom jeżerċitaw u jaqdu l-funzjonijiet u r-

responsabbiltajiet kif delegati jew assenjati lihom, u għandhom iżommu sessjonijiet terapewtiċi mall-minuri skont dawn ir-regolamenti;

(ċ) speċjalista pedjatriku li għandu jkun speċjalist mediku reġistrat fir-reġistru tal-ispeċjalisti fil-qasam pedjatriku skont l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa;

Kap. 464.

(d) ħaddiema ta' sapport amministrattiv sabiex iwettqu dawk l-obbligi assenjati lilhom mill-Amministratur (Dar tat-Tfal) fl-amministrazzjoni ta' kuljum tad-Dar tat-Tfal u fiż-żamma tal-laqgħat;

(e) uffiċjali tas-sigurtà li l-funzjonijiet u r-responsabbiltà tagħhom tkun illi jżommu l-bon ordini, il-paċi u l-kwiet fir-rutina ta' kuljum tad-Dar tat-Tfal, sabiex iżommu sens ta' sigurtà f'kull ħin anke billi jieħdu l-azzjoni legali meħtieġa meta persuna taġixxi b'mod aggressiv ġewwa jew barra fil-parametri tad-Dar tat-Tfal.

FUQ L-INTERVISTA INVESTIGATTIVA

Riferta għad-Dar tat-Tfal.

10. Kull meta l-Pulizija Eżekuttiva fil-kors tal-investigazzjoni tagħhom ta' allegati reati, membri tal-ġudikatura fil-kors ta' proċeduri kriminali u uffiċjali tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fil-kors tal-investigazzjoni tagħhom skont l-artikolu 10 tal-Att, ikunu jeħtieġu li vittma minuri u, jew xhud jiġi intervistat b'mod forensiku, dawn għandhom jibgħatu riferta tal-każ lill-Amministratur (Dar tat-Tfal) li għandu dejjem iżomm rekord ta' din ir-riferta f'Reġsitru.

Azzjoni wara r-riferta.

11. (1) L-Amministratur (Dar tat-Tfal) għandu, mingħajr dewmien iżda f'kull każ mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem tax-xogħol, jiddeċiedi jekk ir-riferta saritx skont dawn ir-regolamenti. Meta jirriżulta li mhuwiex il-każ, l-Amministratur (Dar tat-Tfal) għandu jirrispondi bil-miktub lill-entità li tkun bagħtet ir-riferta u jagħti raġunijiet għal tali rifjut.

(2) Meta l-Amministratur (Dar tat-Tfal) iqis ir-riferta bħala li tkun saret skont dawn ir-regolamenti, huwa għandu jaħtar intervistatur forensiku u għandu jistabbilixxi data għal-laqgħa inizjali tat-tim interdixxiplinarju sabiex jiġu stabbiliti l-għanijiet u r-raġunijiet tal-intervista liema laqgħa għandha tinżamm fi żmien mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem tax-xogħol. L-Amministratur (Dar tat-Tfal) jista' jistieden lil dawk il-professjonisti kollha involuti fil-każ jew dawk li għandhom kontribut f'tali laqgħa.

Kunfidenzjalità tal-laqgħa.

12. Għandhom jittieħdu minuti tal-laqgħa preliminari li għandhom jittieħdu minn ħaddiem ta' sapport amministrattiv tad-Dar

tat-Tfal u jinżammu skont dawn ir-regolamenti. Kull persuna li tattendi għal-laqgħa għandha tkun marbuta bil-kunfidenzjalità u ma tistax tiżvela ma' terzi persuni informazzjoni jew tipprovdi dokumenti jew parti minnhom li jkunu ġew għall-attenzjoni jew fil-pussess tagħha waqt tali laqgħa jew b'riżultat tagħha sakemm tali żvelar jew taqsim ma jkunx magħmul wara awtorizzazzjoni, talba jew ordni minn qorti kompetenti.

Għanijiet tal-laqgħa preliminari.

13. Fil-laqgħa preliminari, l-Amministratur (Dar tat-Tfal) għandu:

(a) jinforma lit-tim interdixxiplinarju ta' professjonisti bl-informazzjoni li jkollu fuq il-minuri riferut;

(b) jiddiskuti x'konklużjonijiet differenti tista' twassal għalihom l-intervista;

(ċ) jiddiskuti l-aħjar proċedura li għandha tiġi adottata għall-intervista investigattiva;

(d) jistabbilixxi min għandu jkun preżenti fil-ġurnata tal-intervista investigattiva;

(e) jistabilixxi min għandu jkollu aċċess għar-rekords tal-intervista investigattiva;

(f) jistabbilixxi jekk hemmx bżonnijiet partikolari tal-minuri li jeħtieġu l-addattament tal-protokoll li għandu jkun adottat waqt l-intervista;

(g) jiddetermina jekk eżaminazzjoni pedjattrika tal-minuri riferut għandhiex isseħħ qabel jew wara l-intervista investigattiva;

(h) jistabbilixxi d-data u l-ħin tal-intervista investigattiva;

(i) jiddetermina l-aħjar mod kif il-minuri riferut jinġieb ġewwa d-Dar tat-Tfal.

L-intervistatur forensiku.

14. L-intervistatur forensiku għandu jġib ruħu b'mod imparzjali f'kull ħin u għandu jara illi l-intervista investigattiva sseħħ bl-aktar mod diliġentiskont protokolli ta' intervisti investigattivi stabbiliti u adottati.

Laqgħa tat-tim interdixxiplinarj u fil-ġurnata tal-intervista investigattiva.

15. Fil-ġurnata tal-intervista investigattiva, it-tim interdixxiplinarju għandu jiltaqa' ġewwa d-Dar tat-Tfal f'ħin differenti minn dak li fih ikun mistenni li jasal il-minuri riferut u ma għandux

ikollu kuntatt mal-minuri riferut.

It-tim interdixxiplinarju.

16. (1) It-tim interdixxiplinarju jista' jikkonsisti minn:

(a) l-Amministratur (Dar tat-Tfal) u l-intervistatur forensiku maħtur;

(b) il-membru tal-ġudikatura li jkun qiegħed jippresedi l-każ pendenti, jekk ikun il-każ, u d-deputat reġistratur li jkun assenjat miegħu;

(ċ) rappreżentant tal-Pulizija Eżekuttiva;

(d) id-Direttur jew il-ħaddiem soċjali ewlieni mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal:

Iżda d-Direttur jew il-ħaddiem soċjali ewlieni jista' jkun assistit mill-konsulent legali tad-Direttorat;

(e) il-psikologu li jaħdem ġewwa d-Dar tat-Tfal li jkun ser iwettaq l-assessjar tal-bżonnijiet terapewtiċi tal-minuri u jiddetermina s-sapport li l-minuri għandu jirċievi wara l-intervista investigattiva;

(f) l-avukat tat-tfal jew ir-rappreżentant maħtur skont l-artikolu 21 tal-Att;

(g) l-avukat tal-ġenitur jew ġenituri jew kustodju legali tal-minuri;

(h) il-ġenitur jew ġenituri jew kustodju legali tal-minuri sakemm il-preżenza tagħhom ma tikkawżax biża' debilitanti jew tikkundizzjona lill-minuri b'mod li x-xhieda tiegħu tkun ikkunsidrata bħala waħda varjata sempliċiment minħabba l-preżenza tagħhom partikolarment meta l-ġenitur jew ġenituri jew kustodju legali tal-minuri huwa kkunsidrat bħala l-allegat awtur tal-ħsara sinifikanti fuq il-minuri li tkun wasslet għall-intervista investigattiva:

Iżda l-ġenitur jew ġenituri jew kustodju legali jista' jidħol fil-binja u jkun preżenti fil-kamra fejn jiltaqgħu l-professjonisti minn entratura differenti jew wara li l-minuri jkun diġà daħal fil-kamra tal-intervista u jkollu jitlaq qabel ma l-minuri joħroġ mill-kamra tal-intervista. F'dak il-każ, il-ġenitur jew ġenituri jew kustodju legali ma jkunx jista' jibqa' fuq barra jew fil-viċinanza tad-Dar tat-Tfal qabel jew wara l-intervista investigattiva:

Iżda wkoll jekk il-preżenza tal-ġenitur jew ġenituri jew kustodju legali tikkawża biża' debilitanti fil-minuri jew tikkundizzjona lill-minuri b'mod li l-minuri jirrifjuta li jixhed jew li x-xhieda tiegħu titqies bħala waħda varjata minħabba l-preżenza tal-allegat awtur, il-ġenitur jew ġenituri jew kustodju legali jista' jiġi ordnat jitlaq mill-binja tad-Dar tat-Tfal jew li ma jattendix fil-ġurnata. Din id-deċiżjoni tista' tittieħed fil-laqgħa preliminari u titniżżel fil-minuti jew tista' tittieħed f'kull ħin fil-ġurnata tal-intervista investigattiva:

Iżda wkoll il-minuri għandu d-dritt illi jkun jaf jekk l-allegat awtur ikunx qiegħed fil-binja u għandha dejjem tingħadlu l-verità;

(i) kwalunkwe persuna oħra illi l-Amministratur (Dar tat-Tfal) jikkunsidra bħala neċessarju.

(2) Il-membri tat-tim interdixxiplinarju jistgħu jkunu kemm preżenti fiżikament fil-ġurnata kemm jistgħu jsegwu l-laqgħa jew l-intervista investigattiva online permezz ta' konnesjoni sigura. Għandha tkun ir-responsabbiltà ta' kull membru li jattendi online illi jkun ċert illi l-konnessjoni hija waħda sigura u li l-post minn fejn ikun qiegħed jattendi online jirrispetta l-formalità tas-sitwazzjoni u jipproteġi l-kunfidenzjalità tal-partijiet kollha involuti. L-Amministratur (Dar tat-Tfal) għandu jkollu s-setgħa illi jwaqqaf kwalunkwe konnessjoni kemm-il darba jinduna illi tali konnessjoni ma tkunx tirrispetta din id-dispożizzjoni:

Iżda kwalunkwe telf jew interferenza tal-konnessjoni ma għandhomx itelfu jew jinterrompu jew ifixklu l-intervista investigattiva bi kwalunkwe mod meta din tkun bdiet:

Iżda wkoll ir-recording ta' tali konnessjoni minn professjonist li jkun qiegħed jattendi online għandu f'kull ħin ikun ipprojbit. Jekk l-Amministratur (Dar tat-Tfal) jinduna illi kwalunkwe professjonist b'xi mezz ikun qiegħed jirrekordja l-intervista investigattiva jew parti minnha, l-Amministratur (Dar tat-Tfal) għandu s-setgħa illi jwaqqaf il-konnessjoni minnufih u li jitlob li tali recording jiġi mħassar minnufih.

Wasla tal-minuri ġewwa d-Dar tat-Tfal.

17. Il-minuri riferut għandu jasal fid-Dar tat-Tfal bil-mezz ta' trasport li jkun ġie miftiehem waqt il-laqgħa preliminari li jista' jkun billi jkunu l-ġenituri bijoloġiċi jew il-*carer* alternattiv li jkunu waslu lill-minuri ġewwa d-Dar tat-Tfal, jew billi l-minuri jkun ġie miġbur mill-iskola jew minn dik il-binja li fiha jkun il-minuri f'dik il-ġurnata mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens tal-ġenitur jew ġenituri jew il-kustodju legali tal-minuri, jew permezz ta' arranġament ieħor skont iċ-ċirkostanzi tal-minuri riferut. L-Amministratur (Dar tat-Tfal) jista' jitlob għall-assistenza tal-Pulizija Eżekuttiva skont l-Att dwar il-Pulizija kull meta jidhirlu li huwa meħtieġ.

Kap. 164.

Introduzzjoni lill-minuri mal-wasla tiegħu.

18. Mal-wasla, il-minuri riferut għandu jiġi milqugħ ġewwa d-Dar tat-Tfal u jingħata ħin sabiex joqgħod, jikkalma u jħossu sigur. L-Amministratur (Dar tat-Tfal) għandu jispjega lill-minuri x'ser ikun qiegħed jiġri f'dik il-ġurnata, jista' jdawwar lill-minuri mal-binja, u jekk jidhirlu adattat għall-minuri, jieħu lill-minuri biex jara l-kamra li fiha jkunu ser jiltaqgħu l-professjonisti u anke jista' jlaqqa' lill-minuri mal-professjonisti. L-Amministratur (Dar tat-Tfal) għandu jara li jirrispondi għal dawk il-mistoqsijiet rilevanti tal-minuri:

Iżda jekk professjonisti oħra bħal interpretu jew speċjalist tal-komunikazzjoni għandhom ikunu preżenti waqt l-intervista investigattiva sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tal-minuri riferut, l-Amministratur (Dar tat-Tfal) għandu jintroduċi lill-minuri mal-professjonist, sakemm dan il-professjonist ma jkunx diġà magħruf mill-minuri, fil-bidu nett tal-komunikazzjoni mal-minuri kif speċifikat aktar 'il fuq u kull komunikazzjoni għandha sseħħ bl-intervent ta' taliprofessjonist.

L-intervista investigattiva.

19. Meta l-minuri jkun jidher komdu u lest għall-intervista investigattiva, l-intervistatur forensiku, il-minuri u kwalunkwe professjonist li jkun ser jassisti lill-minuri għandhom jipproċedu għall-kamra tal-intervista. L-intervistatur forensiku għandu jwettaq l-intervista kif speċifikat fis-subregolament (2) tar-regolament 11. F'kull mument, l-intervistatur forensiku jista' jwaqqaf l-intervista sabiex jagħti pawża lill-minuri kemm-il darba din il-pawża tkun meqjusa neċessarja jew sabiex l-intervistatur jikkonsulta mat-tim interdixxiplinarju ġewwa l-kamra tal-professjonisti fuq l-iżvelar ta' waqt l-intervista u fuq kjarifiki li jkollu bżonn l-intervistatur forensiku.

Proċedura tal-intervista.

20. (1) Jekk l-intervista tkun qiegħda ssir fil-kors ta' proċeduri li jkunu għaddejjin il-qorti, il-membru ta' ġudikatura li jippresedi dawk il-proċeduri għandu jirregola ukoll il-proċedura adottata waqt l-intervista, għandu jiddetermina liema mistoqsijiet jistgħu jitħallew isiru lill-minuri skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għandu jieħu dawk id-deċiżjonijiet neċessarji waqt il-kors tal-intervista:

Kap. 12.

Iżda jekk l-intervista tkun qiegħda issir fil-kors ta' investigazzjoni lill hinn minn xi proċeduri tal-qorti, l-Amministratur (Dar tat-Tfal) iġorr din ir-responsabbiltà msemmija hawn fuq.

(2) F'kull ħin, notamenti tal-proċeduri għandhom jittieħdu mid-deputat reġistratur jew mill-ħaddiem ta' sapport amministrattiv liema notamenti għandhom jinżammu fl-atti tal-proċeduri u, jew fil-file tal-minuri miżmum mid-Dar tat-Tfal.

Assenza ta' ġenitur jew avukat.

21. Mingħajr preġudizzju għar-regolament 13, l-intervista investigattiva ma għandhiex tiġi posposta jekk il-ġenitur jew ġenituri jew kustodju legali jew l-avukat tagħhom ma jkunx preżenti fid-data tal-intervista kemm-il darba jkunu ngħataw preavviż suffiċjenti tad-data ta' mill-inqas ġimgħa, u l-minuri jkun diġà qiegħed id-Dar tat-Tfal jew ikun fi triqtu lejn id-Dar tat-Tfal sakemm ma jkunx aċċertat illi ma jkunx ta' ħsara u, jew konfużjoni għall-minuri meta wieħed iqis l-età u l-maturità tal-minuri riferut.

Istanzi meta jista' jkun hemm intervista sussegwenti.

22. Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 17 tal-Att, l-intervista investigattiva għandha titmexxa u tiġi rrekordjata, kemm jista' jkun f'seduta waħda bl-ebda limiti fil-ħin ma jiġi impost mit-tim interdixxiplinarju u kemm l-eżami kif ukoll il-kontroeżami għandhom isiru waqt l-istess intervista. Ikun biss fl-istanzi li ġejjin li jista' jkun hemm intervisti sussegwenti:

(a) meta l-minuri jkun jidher għajjien u emozzjonat tant li ma jkunx possibbli għalih li jibqa' għaddej bix-xhieda tiegħu mingħajr ma tiġi ppreġudikata l-kredibiltà jew il-benesseri tiegħu;

(b) meta evidenza ġdida toħroġ fi stadju aktar tard;

(ċ) meta l-minuri nnifsu jesprimi x-xewqa li jerġa' jixhed;

(d) f'ċirkostanzi eċċezzjonali oħra li għandhom jitniżżlu fl-atti tal-proċeduri jew fin-notamenti meħuda.

Rekordjar tal-intervista investigattiva.

23. M'hemmx ħtieġa ta' kunsens addizzjonali u, jew awtorizzazzjoni sabiex l-intervista investigattiva tiġi rrekordjata. Kull intervista investigattiva, anke jekk interrotta, għandha tiġi rrekordjata skont dawn ir-regolamenti u r-rekordjar għandu jiġi maħżun b'mod sigur skont dawn ir-regolamenti.

Rifjutar mill-minuri li jipparteċipa.

24. F'kull ħin, il-minuri riferut jista' jirrifjuta li jipparteċipa fl-intervista investigattiva jew li jwaqqaf l-istess intervista u jista' jitlob li l-professjonist jinbidel u tali xewqat għandhom jiġu rispettati.

FUQ L-INTERPRETI U L-PROFESSJONISTI LI JASSISTU

Lingwa li għandha tintuża u interpreti.

25. (1) L-intervista investigattiva għandha ssir bil-Malti jew bil-lingwa Ingliża skont liema hija l-lingwa primarja tal-minuri riferut.

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament ta' qabel, meta l-lingwa primarja tal-minuri ma tkunx la l-Malti u lanqas l-Ingliż u l-minuri ma jkollux għarfien suffiċjenti ta' waħda minn dawn il-lingwi li jippermettilu jesprimi lilu nnfisu b'mod adegwat, l-intervista investigattiva għandha ssir permezz tal-assistenza ta' interpretu.

(3) Qabel tibda l-intervista investigattiva, il-membru tal-ġudikatura jew prokuratur legali ingaġġat mid-Dar tat-Tfal għandu jagħti l-ġurament lill-interpretu maħtur sabiex jittraduċi bl-aktar mod leali l-kliem tal-minuri riferut.

(4) L-interpretu msemmi fis-subregolament ta' qabel għandu jkun preżenti fil-kamra tal-intervista u għandu jkun viżibli f'kull ħin fir-recording.

(5) Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-intervistatur forensiku illi jispjega lill-interpretu illi ma għandux ikun hemm ebda komunikazzjoni bejnu u l-minuri riferut mingħajr ma din il-komunikazzjoni tiġi tradotta. L-intervistatur forensiku għandu jwaqqaf l-intervista jekk jinduna li hemm komunikazzjoni bejn l-interpretu u l-minuri riferut li mhux qiegħda tiġi tradotta għall-finijiet tar-recording u jista' jitlob li l-interpretu jiġi sostitwit.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' qabel għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull professjonist ta' speċjalizzazzjoni fil-lingwa li l-assistenza tiegħu tkun meħtieġa sabiex il-ħtiġijiet tal-minuri riferut jiġu milħuqa u sabiex l-istess minuri jkun jista' jesprimi lilu nnifsu b'mod ċar.

FUQ KIF ID-DATA GĦANDHA TIĠI MAĦŻUNA

Proprjetà intelletwali tal-intervista.

26. Kif intervista investigattiva tiġi kondotta u rrekordjata, il-proprjetà intelletwali ta' dak ir-recording tappartjeni lil Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali iżda għandha tinħażen u tiġi amministrata mid-Dar tat-Tfal.

Kopji u aċċess għar-recording tal-intervista.

27. (1) Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-Amministratur (Dar tat-Tfal) li jżomm ir-recording b'mod sigur, li jaħżanhom b'mod sigur, li jagħmel kopji tal-istess rekordjar u li jagħti kopja tar-recording lill-Pulizija, li jippreżenta kopja fl-atti ta' proċeduri li jkunu għaddejjin u jista' jipprovdi kopja lill-ġenitur jew ġenituri jew kustodju legali tal-minuri sakemm dan ma jkunx ikkunsidrat bħala li jmur kontra l-aħjar interess tal-minuri:

Iżda meta kopja tiġi ppreżentata fl-atti ta' proċeduri, ir-recording għandu jinżamm issiġillat mill-Qorti. Kull parti interessata għandha tippreżenta rikors li permezz tiegħu titlob lil Qorti aċċess għal dak ir-recording.

(2) Professjonisti li jkunu qegħdin jaħdmu mal-minuri u li jemmnu li jkun ta' benefiċċju għall-minuri jekk huma jkollhom aċċess għar-recording, għandhom jibgħatu talba bil-miktub lilll-Amministratur (Dar tat-Tfal) li sussegwentement għandu jipprovdi aċċess biss għar-recording jekk iqis li t-talba hija waħda ġustifikata.

(3) Meta l-minuri riferut isir maġġorenni, jista' jibgħat talba bil-miktub lill-Amministratur (Dar tat-Tfal) sabiex jingħata kopja tar-recording u għandu jingħata kopja.

Kopji ta' dokumenti oħra.

28. Ir-regolament fuq l-aċċess u d-distribuzzjoni tar-recordings għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għad-distribuzzjoni tal-kopji ta' kull dokument u, jew rekords miżmuma fil-*file* tal-minuri ġewwa d-Dar tat-Tfal inkluż ir-rapport imfassal mill-ispeċjalist pedjatriku.

Żamma tar-rekords.

29. Rekords u dokumentazzjoni miżmuma u maħżuna ġewwa d-Dar tat-Tfal għandhom jinżammu għal tletin (30) sena minn meta l-minuri jsir maġġorenni. Ladarba jgħaddi dan it-terminu, id-data għandha tiġi mħassra skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

Kap. 586.

FUQ L-EŻAMINAZZJONI MEDIKA

L-eżaminazzjoni medika ta' minuri.

30. Meta fil-laqgħa preliminari miżmuma skont ir-regolament 10, jiġi determinat illi għandu jkun hemm eżaminazzjoni pedjatrika, l-ispeċjalist pedjatriku għandu jeżamina lill-minuri riferut ġewwa l-bini tad-Dar tat-Tfal u għandu jfassal rapport li għandu jinżamm ġewwa l-*file* tal-minuri ġewwa d-Dar tat-Tfal:

Iżda waqt tali eżaminazzjoni pedjatrika, l-Amministratur (Dar tat-Tfal) jew id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal jew il-ħaddiem soċjali ewlieni mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u, jew persuna indikata mill-minuri jistgħu jkunu preżenti fl-istess kamra minflok il-ġenitur jew il-kustodju legali tal-minuri meta l-istess ġenitur u kustodju legali jkun l-allegat awtur tat-tattrament ħażin tal-minuri li wassal għar-riferta. Dawn l-individwi jridu jkunu tal-istess sess tal-minuri li jkun qiegħed jiġi eżaminat.

Aċċess għal rekords mediċi.

31. L-ispeċjalist pedjatriku jista' jagħmel dawk it-testijiet li hu jqis bħala neċessarji skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, jista' jaċċessa rekords tal-minuri miżmuma ġewwa l-isptar pubbliku u, jew sptarijiet privati u jista' jagħmel kuntatt mat-tobba tal-familja sabiex jiġbor informazzjoni medika fuq il-minuri.

Appuntamenti sussegwenti mal-ispeċjalist pedjatriku.

32. L-ispeċjalist pedjatriku jista' jagħżel illi jiffissa appuntamenti sussegwenti wara l-eżaminazzjoni mal-minuri riferut u l-ġenitur jew ġenituri jew kustodju legali tal-minuri jew *carer* alternattiv ikollu r-responsabbiltà li jieħu lill-minuri għal dawn l-appuntamenti.

Rifjutar tal-minuri għall-eżaminazzjoni medika.

33. F'kull ħin, il-minuri riferut jista' jagħżel illi jirrifjuta li jiġi eżaminat medikament jew li jwaqqaf l-eżaminazzjoni u dawn ix-xewqat għandhom jiġu rispettati.

FUQ SAPPORT TERAPEWTIKU LILL-MINURI RIFERUT

Assessjar psikoloġiku għal terapija.

34. Mingħajr preġudizzju għar-regolament 19, ladarba ssir l-intervista investigattiva, l-Amministratur (Dar tat-Tfal) għandu jikkoordina mal-psikologu li jaħdem ġewwa d-Dar tat-Tfal sabiex tali psikologu jwettaq assessjar psikoloġiku, jekk neċessarju, u jiddetermina l-bżonnijiet tal-minuri għal sapport terapewtiku.

Kunsens jew awtorizzazzjoni neċessarji għal terapija.

35. (1) Meta l-allegat awtur tat-trattament ħażin ma jkunx wieħed mill-ġenituri jew il-kustodju legali, il-kunsens tal-ġenitur għal din it-terapija huwa meħtieġ. Meta l-allegat awtur tat-trattament ħażin ikun wieħed mill-ġenituri jew kustodji legali, l-Amministratur (Dar tat-Tfal) għandu jikkomunika l-bżonnijiet terapewtiċi lid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal li għandu jagħmel talba lil qorti kompetenti sabiex tingħata terapija lill-minuri mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens jew awtorizzazzjoni tal-ġenitur jew kustodju legali.

(2) Ladarba jkun hemm il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni kif hawn fuq speċifikat, il-psikologu għandu jżomm sessjonijiet terapewtiċi mal-minuri riferut sabiex jgħin lill-istess minuri jipproċessa t-trawma liemasessjoniijet għandhom jiġu addattati għall-età u l-bżonnijiet ta' iżvilupp tal-minuri:

Iżda meta jiġi determinat li servizzi oħra huma meħtieġa sabiex jissapportjaw lill-minuri waħdu jew fi ħdan il-familja, l-Amministratur (Dar tat-Tfal) għandu jagħmel ir-riferti neċessarji għal servizzi oħra.

Rifjutar tal-minuri għat-terapija.

36. F'kull ħin, il-minuri jista' jirrifjuta t-terapija jew jista' jitlob li jinbidel il-professjonist u dawn ix-xewqat għandhom jiġu rispettati.

Sessjoni għall-għeluq u riferti.

37. Meta l-psikologu jqis li l-minuri riferut ikun irċieva biżżejjed terapija sabiex jipproċessa t-trawma, il-psikologu għandu jżomm sessjoni biex jagħlaq mal-minuri waħdu jew mal-minuri u l-membri l-oħra tal-familja tiegħu jew mal-minuri u l-*carers* alternattivi tiegħu hekk kif il-psikologu jqis li jkun l-aktar addattat fiċ-ċirkostanzi u għandu jinforma lill-Amministratur (Dar tat-Tfal). Jekk il-minuri

jista' jibbenifika minn servizzi terapewtiċi oħra, għandha ssir riferta lis-servizzi l-oħra. Il-psikologu għandu wkoll ifassal rapport u dan ir-rapport għandu jinżamm fil-*file* tal-minuri ġewwa d-Dar tat-Tfal. Kopja ta' dan ir-rapport tista' tingħata lill-partijiet interessati skont dawn ir-regolamenti.

Evidenza ġdida waqt terapija.

38. Meta toħroġ evidenza ġdida matul l-interventi terapewtiċi, il-psikologu għandu jgħin lill-minuri jiftakar dawk il-memorji iżda għandu jwaqqaf l-intervent terapewtiku u għandu jipproċedi sabiex jagħmel rapport lid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal skont l-Att:

Iżda l-psikologu jista' jkompli bis-sessjonijiet terapewtiċi biss meta jiġi ordnat jagħmel dan mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal jew biss meta tkun inżammet intervista investigattiva oħra skont dawn ir-regolamenti.

FUQ IR-REATI

Influwenza fuq ix-xhieda tal-minuri.

39. Kull persuna li b'xi mod tfixkel jew tipprova tinfluwenza jew timmanipola lill-minuri riferut sabiex ibiddel ir-risposti tiegħu waqt l-intervista investigattiva jew sabiex jirrifjuta li jwieġeb għall-mistoqsijiet, għandha tkun ħatja ta' reat u għandha teħel, meta tinstab ħatja, priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt (6) xhur u mhux iżjed minn sena (1) jew multa ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) u mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Tbagħbis fl-irrekordjar tal-intervista.

40. Kull persuna li b'xi mod malizzjuż tbagħbas, tneħħi, tgħawweġ, tbiddel jew teqred recording ta' intervista investigattiva jew parti minnha, għandha tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt (6) xhur u mhux iżjed minn sena (1) jew multa ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) u mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Tixrid ta' recording.

41. Kull persuna li tqassam, ixxerred, tipprovdi, tittrasmetti, tagħmel disponibbli, tippubblika jew tqiegħed online ir-recording, jew parti minnu, tal-intervista investigattiva għandha tkun ħatja ta' reat, u teħel meta tinstab ħatja, priġunerija għal żmien mhux inqas minn tnax (12)-il xahar u mhux iżjed minn erba' (4) snin jew multa ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) u mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Preżena fil-qrib tad-Dar tat-Tfal

42. Jekk l-allegat awtur, jew persuna mibgħuta f'ismu jew persuna oħra mhux awtorizzata tkun preżenti fil-viċinanzi tad-Dar tat-Tfal fil-ħin ta' qabel l-intervista investigattiva jew wara li din tkun spiċċat bil-għan li ssegwi lill-minuri riferut skont l-artikolu 251AA(3) tal-Kodiċi Kriminali jew b'xi mod jikkomunika mal-minuri dwar l-

Kap. 9.

intervista investigattiva għandha tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt (6) xhur u mhux iżjed minn sena (1) jew għal multa ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) u mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

MIXXELANJI

Kunflitt bejn it-testi.

43. F'dawn ir-regolamenti, jekk ikun hemm xi kunflitt bejn it-test bl-Ingliż u dak bil-Malti, għandu jipprevali t-test bl-Ingliż.

Referenzi tal-ġeneru.

44. Ir-referenzi kollha fil-maskil għandhom japplikaw b'mod ugwali għas-sess femminil mingħajr distinzjoni jew preferenza.